IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2023
COM(2023) 512 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità


{SEC(2023) 305 final} - {SWD(2023) 289 final} - {SWD(2023) 290 final} - {SWD(2023) 291 final}

ANNESS I

FORMAT TAL-KARD EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ

IN-NAĦA TA" QUDDIEM test tal-Kard tad-Diżabilità tal-UE bl-Ingliż

IN-NAĦA TA' WARA Informazzjoni nazzjonali bil-lingwa nazzjonali jew bil-lingwi nazzjonali li għandha tiġi deċiża mill-Istat Membru emittenti.



1. Id-daqs tal-Kard tad-Diżabilità tal-UE għandu jkun b'konformità mal-ISO 7810.
2. Il-format għandu jkun ID-1 u d-Dimensjonijiet 85.6 x 53.98 mm
3. Il-kard għandu jkollha:
   - ritratt tad-detentur tal-kard;
   - l-isem u l-kunjom tad-detentur tal-kard;
   - id-data tat-twelid tad-detentur tal-kard;
   - in-numru tas-serje tal-kard;
4. Il-kulur tal-kard għandu jkun blu ċar u skur, kif stabbilit fl-istampa u bir-referenzi
   - Blu skur: CMYK 100, 90, 10, 0
     RGB 0, 68, 148
   - Blu ċar: CMYK 94, 63, 7, 1
     RGB 0, 110, 183
5. Il-kard għandha tindika d-data tal-iskadenza.
6. Il-kard għandu jkun fiha kodiċi tal-pajjiż biċ-ċirku blu madwarha
7. L-ittri għandhom ikunu tat-tipa ARIAL Regular.
8. Il-kliem Kard tad-Diżabilità tal-UE għandu jintwera bl-użu tat-tipa Arial u bil-braille bl-użu tad-dimensjonijiet tal-kodiċi Marburg.
9. L-ittra fakultattiva "A" (+sinjal bil-braille) tista' tiżdied meta l-kard tintitola l-akkumpanjament ta' assistent personali.

10. Karatteristika diġitali/karatteristiċi diġitali li jużaw mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi għandhom jiżdiedu wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 6(1).

ANNESS II

KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

QUDDIEM



WARA



1. Id-daqs tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà għandu jkun:
   - għoli: 106 mm
   - wisa': 148 mm
2. Il-kulur tal-kard għandu jkun blu skur u isfar, kif stabbilit fl-istampa ta' hawn fuq u bir-referenzi:
   - Blu skur: CMYK 100, 90, 10, 0
     RGB 0, 68, 148
   - Isfar: CMYK 94, 63, 7, 1
     RGB 255, 237, 0
3. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinqasam vertikalment f'żewġ partijiet kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara.

(a) In-naħa tax-xellug ta' quddiem għandu jkun fiha:

- is-simbolu tal-utent tas-siġġu tar-roti bi blu skur fuq sfond isfar;
- id-data tal-iskadenza tal-kard għall-parkeġġ;
- in-numru tas-serje tal-kard għall-parkeġġ;
- l-isem u t-timbru tal-awtorità/organizzazzjoni emittenti;
- meta l-kard tkun assoċjata ma' vettura, in-numru tal-pjanċa tagħha għandu jkun viżibbli.

(b) In-naħa tal-lemin ta' quddiem għandu jkun fiha:

- b'ittri kbar, il-kliem "Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità" bil-lingwa/i tal-Istat Membru li joħroġ il-karta; wara spazju xieraq, dan għandu jidher b'tipa żgħira bil-lingwi l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea;
- bħala sfond, il-kodiċi ta' distinzjoni tal-Istat Membru li joħroġ il-kard għall-parkeġġ imdawwar biċ-ċirku ta' stilel li jissimbolizzaw l-Unjoni Ewropea.

(c) In-naħa tax-xellug tan-naħa ta' wara għandu jkun fiha:

- il-kunjom tad-detentur tal-kard;
- l-isem/ismijiet tad-detentur tal-kard;
- id-data tat-twelid tad-detentur tal-kard;
- Id-data tal-iskadenza tal-kard;
- ritratt tad-detentur tal-kard;
- in-numru tas-serje tal-kard għall-parkeġġ;
- il-firma tad-detentur tal-kard jew marka awtorizzata oħra, jekk dan ikun permess skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;

(d) In-naħa tal-lemin ta' wara għandu jkun fiha:

- id-dikjarazzjoni: "Din il-kard tintitola lid-detentur għal kundizzjonijiet ta' parkeġġ lokali u faċilitajiet riżervati għal persuni b'diżabilità disponibbli fl-Istat Membru kkonċernat";
- id-dikjarazzjoni: "Meta tintuża, il-kard għandha titpoġġa fejn tidher fuq quddiem tal-vettura b'tali mod li l-parti ta' quddiem tal-kard tkun viżibbli b'mod ċar għall-finijiet ta' ċċekkjar".

4. Bl-eċċezzjoni tan-naħa tal-lemin ta' quddiem, l-entrati għandhom jintwerew bil-lingwa jew lingwi tal-Istat Membru li joħroġ il-karta għall-parkeġġ. Jekk xi Stat Membru jixtieq jagħmel l-iskrizzjonijiet b'xi lingwa nazzjonali għajr waħda mil-lingwi li ġejjin: il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, in-Netherlandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol jew l-Iżvediż, dan għandu jifformola verżjoni tal-kard b'żewġ lingwi u għandu juża waħda mil-lingwi msemmija hawn fuq, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness. Jekk Stat Membru jixtieq jagħmel

entrati bil-Bulgaru jew bil-Grieg, huwa għandu jfassal verżjoni bilingwi tal-karta bl-użu ta' waħda mil-lingwi msemmija hawn fuq, li tuża karattri Latini.

5. Karatteristika diġitali/karatteristiċi diġitali li jużaw mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi għandhom jiżdiedu wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 7(1).